**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**Dr. Anna Mallia**

Seduta tat-23 ta’ Gunju, 2016

Talba Numru: 115/2016AM3

Numru fuq il-Lista: 30

**Vodafone Malta Limited (C 10865)**
**Skyparks Business Centre,**
**Malta International Airport,**
**Luqa**

**vs**

**Sammy Trabelsi (KI 427095(M)**
**2, Flat 6, Triq tal-Fieres, Blokk 4,**
**Hal Kirkop**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fit-28 ta’ Marzu, 2016 li permezz tieghu s-Socjeta’ attrici talbet il-hlas minghand il-konvenut tas-somma ta’ tmien mija

u disghin ewro u ghoxrin centezmu (€890.20c) rapprezentanti servizzi u prodotti provduti lill-istess intimat abbazi tat-tariffa 'Red Bsc Con – TYHTA' referibbli ghal kont bin-numru 1.10990736.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, l-konvenut ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-affidavit ta' Dr Jeremy Debono li xehed li l-ammont ghadu dovut.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher biex jirrispondih u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, t-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u disghin ewro u ghoxrin centezmu (€890.20), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittra ufficjali huma a karigu tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**